**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 1078/2021 LC

**John Zahra (K.I. 490866M)**
**Felicity Borg (K.I. 223264M)**
**Dr Sylvann Aquilina Zahra (K.I. 327570M)**
**Astrid Tonna (K.I. 171561M)**
**Jenifer Farrugia (K.I. 179063M)**
**Louise Spiteri (K.I. 446975M)**
**Alex Spiteri (K.I. 447075M)**
**Roberta Vella (K.I. 467758M)**
**Carmen Delia (K.I. 804154M)**
**Carmen Spencer White**
**(Passaport Awstraljan M1675016)**
**Roseanne Wildeison**
**(Liċenzja Awstraljana 90249409)**
**John David Zahra**
**(Passaport Awstraljan M8009285)**
**Stephen Zahra**
**(Passaport Awstraljan 087862546)**
**Paul Zahra**
**(Passaport Awstraljan 2017364218)**
**Sylvia Hall**
**(Passaport Awstraljan M3141193)**
**Rita Caratraz**
**(Liċenzja Awstraljana 9645C4)**
**Maria Theresa Collet**
**(Passaport Awstraljan M5869882)**

**Doris Bonnici**
**(Maltese Income Tax Reg. No: 888253420)**
**Darwin Tressler**
**(Maltese Income Tax Reg. No: 888253519)**
**Caroline Zahra**
**(Karta tal-Identita Amerikana 800245341)**
**Mary Ramos**
**(Passaport Amerikan 468489891)**
**Anne Grahan**
**(Passaport Amerikan 435940635)**
**Robert Morgenstern**
**(Liċenzja Amerikana 598790529)**
**William Morgenstern**
**(Liċenzja Amerikana 052917835)**
**Dorothy Hanks**
**(Passaport Amerikan 430905811)**
**Robert Tressler**
**(Passaport Amerikan 460955040)**
**Janette Tonna**
**(Passaport Amerikan 217929418)**
**Charles Zahra**
**(Passaport Amerikan 214890101)**
**Ronald Zahra**
**(Liċenzja Amerikana 032277366)**
**Frank Bloom**
**(Passaport Amerikan 500223326)**
**Frank J. Zahra**
**(Liċenzja Amerikana Z600270503460)**
**Christine Kuhlewind**
**(Liċenzja Amerikana K453119497240)**
**Michael J. Zahra**
**(Liċenzja Amerikana CT083507514)**
**Edward Zahra**
**(Liċenzja Amerikana 07596531)**
**Joseph Zahra**
**(Liċenzja Amerikana (Z600499550170)**

**Richard Zahra**
**(Liċenzja Amerikana 063899101)**
**Adam Zahra**
**(Liċenzja Amerikana (Z600018850670)**
**Kenneth Newson**
**(Passaport Ingliż 206703828)**
**Brian Newson**
**(Passaport Ingliż 306835417)**
**Robert Newson**
**(Passaport Ingliż 965671V)**
**Diane Abraham**
**(Passaport Ingliż 209699573)**
**Ursula Timothy**
**(Passaport Ingliż (206639531)**
**Colin Newson**
**(Passaport Ingliż 458754591)**
**Henry Theuma**
**(Maltese Income Tax Reg. No: 887522921)**

**vs**

**Nazzareno Micallef**
**(K.I. 434641M)**
**u**
**L-Awtorita tad-Djar**

Illum, 19 ta' Lulju 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' John Zahra et, fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jordna li jsir debitu test tal-mezzi tal-intimat u dan b'applikazzjoni tal-Att XXIV tal-2021, u tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4A(3)(ċ) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skond ir-risultanzi tat-test tal-mezzi u ċioe, illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond suriferit fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skond il-Liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimat jħallsu l-kumpens hekk likwidat; JEW

3. Jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kondizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimat hekk kif dikjarat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata mill-esponenti.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-15 ta' Frar 2022, fejn eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta ta' Nazzareno Micallef tat-28 ta' Frar 2022 fejn eccepixxa li:

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti għandhom iġibu provi illi huma għandhom titolu validu ta' proprjetà tal-fond surreferit;

2. Illi fir-rigward tal-ewwel talba ma hemm l-ebda kontestazzjoni għall-fatt illi l-esponent huwa l-inkwilin tal-fond fl-indirizz 30, 1/2/3, Triq Bajada, Ħaż Żabbar, ai termini tal-provedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi inoltre u wkoll mingħajr preġudizzju, il-kera mħallsa hija waħda ġusta,

4. Illi l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul tal-kapital tal-mezzi u dan peress illi kwalunkwe dħul huwa ferm anqas minn dak maħsub f'dan l-istess test;

5. Illi jingħad bi preċiżjoni għall-aħħar illi l-istess esponenti huwa emtrambi persuna avvanzat fl-eta', u b'dan illi l-uniku dħul għall-istess huwa biss mill-pensjoni tal-esponent;

6. Illi fl-aħħar nett u bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li dan il-Bord jistabbilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, dan il-Bord għandu jordna li kwalunkwe żieda fil-kera m'għandhiex tkun ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) iżda għandha tqarreb aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjuda gradwalment – hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord li jordna;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad li qatt ma saret talba mir-rikorrenti lill-esponenti, kemm formalment jew informalment, sabiex huwa jawmenta l-kera;

8. Illi oltre minn hekk, f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent m'għandu ibati l-ebda spejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, in kwantu li ma jistax ikun ikkastigat talli ottempra ruħu mal-liġi nostrana;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar 2022, l-intimat wettaq it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Joseph Bondin u l-Perit Josianne Vassallo, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat huwiex l-inkwilin ta' dan l-istess fond.

Illi l-propjetà de quo ġejja mill-eredità ta' Angelo u Felicità Zahra u dan skont ma jirriżulta mit-testment redatt min-Nutar Dottor Enrico Saydon fis- 6 ta' April 1911. Illi dan il-fond jirriżulta wkoll minn relazzjoni ppreżentata mill-Perit Tekniku mqabbad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina (Ċitaż Nru 857/50) fil-kawża ta' diviżjoni relattiva.

Illi skond ma jirriżulta mill-affidavit tal-intimat, huwa ilu jirrisjedi f'dan il-fond għal madwar ħamsa u ħamsin sena flimkien ma martu Grace Micallef. Huma rabbew il-familja tagħhom hemm. Jgħid li l-kera dejjem ġiet imħallsa lil John Zahra u qabel lil missieru u qabel lil missier missieru. Illi da parti tagħhom ppreżentaw kopja ta' numru ta' rċevuti tal-ktieb tal-kera mħallsa.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi, <u>għall-finijiet biss ta' dawn il-proċeduri</u>, ir-rikorrenti huma sidien tal-kera tal-fond *de quo* filwaqt li l-intimat huwa l-inkwilin effettiv tal-istess.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimat Nazzareno Micallef kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat,

kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimat Nazzareno Micallef <u>ma jeċċedix</u> il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement <u>**jissodisfa**</u> l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'dar residenzjali u xi ħwienet żgħar. L-arja tappartjeni lill-fond. Il-fond huwa fornut bis-servizzi tal-elettriku, ilma u drenaġġ. Minn spezzjoni viżiva, ma deheru l-ebda problemi fl-istruttura, madanakollu xi partijiet mis-saqaf jeħtieġu l-attenzjoni minħabba ingress ta' ilma. Il-fond jinstab abitabbli iżda mhux bilfors konformi mal-istandards tal-ħajja tal-lum.

Illi l-periti tal-Bord, wara li ħadu konjizzjoni tal-proċess odjern u kkunsidraw il-fatturi fosthom it-tip u d-daqs tal-fond, l-istat ta' manutensjoni u l-finituri, il-lok fejn jinsab il-fond u propjetajiet simili fis-suq huma tal-fehma li l-valur tas-suq liberu u frank huwa ta' ċirka mitejn u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€225,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-

Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' erbat' elef u ħames mitt ewro (€4,500) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

2. Jiċħad it-tieni talba stante li l-intimat jissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

3. Jilqa’ t-tielet talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 30, 1/2/3 Triq Bajada, Żabbar għandha tiġi riveduta għall-ammont ta’ 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta’ Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat John Zahra għal-ammont ta’ erbat’ elef u ħames mitt ewro (€4,500) fi-sena u jordna lill-istess intimat jibda jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b’effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta’ erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta’ kull sena.

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta’ dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**